## IT-TIFKIRA SOLENNI TA' TLUGĦ IL-MULEJ FIS-SEMA

**L-EWWEL QARI**
**Bidu tal-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli**
**Atti 1, 1-11**

Fl-ewwel kitba tiegħi, O Teofilu, tkellimt fuq dak kollu li Ġesu' kien għamel u għallem mill-bidu sal-jum li fih kien meħud fis-sema, wara li bl-Ispirtu s-Santu wissa lill-appostli li hu kien għażel. Lil dawn hu deher ħaj wara mewtu b'xhieda sħiħa għalih innifsu, billi dehrilhom għal erbgħin jum u kellimhom fuq is-Saltna ta' Alla. Waqt li kien magħhom, qalilhom biex ma jitilqux minn Ġerusalem, imma joqogħdu jistennew isseħħ il-wegħda tal-Missier. "Fuq din,'' qalilhom, "smajtuni nkellimkom: li Ġwanni għammed bl-ilma, imma intom titgħammdu bl-Ispirtu s-Santu fi ftit jiem oħra.''
Għalhekk, x'ħin kienu flimkien, staqsewh, "Mulej, hu dan iż-żmien li fih int se terġa' twaqqaf is-saltna ta' Israel?'' Hu weġibhom: "Mhix biċċa tagħkom li tkunu tafu l-jiem u ż-żmien li l-Missier żamm fis-setgħa tiegħu. Imma intom tiksbu qawwa, meta jiġi fuqkom l-Ispirtu s-Santu. U tkunu xiehda tiegħi f'Ġerusalem, fil-Lhudija kollha u s-Samarija, u sa truf l-art.''
Wara li qal dan, kien meħud 'il fuq waqt li huma kienu jħarsu lejh, u sħaba ħadithulhom minn quddiem għajnejhom. Hu u tiela' 'l fuq huma kienu jħarsu b'għajnejhom iċċassati lejn is-sema, meta f'daqqa waħda ġew ħdejhom żewġt irġiel bi lbies abjad, li qalulhom: "Irġiel tal-Galilija, x'intom tħarsu lejn is-sema? Dan Ġesu', li ttieħed minn magħkom lejn is-sema, hekk għad jerġa' jiġi kif rajtuh sejjer.''

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 46**
**Tela' l-Mulej b'għajjat ta' ferħ, il-Mulej bid-daqq tat-trombi**

Ċapċpu jdejkom, intom ġnus kollha,
ifirħu b'Alla, għajtu u għollu leħinkom!
Għax il-Mulej, il-Għoli, hu tal-biża',
Hu Sultan kbir fuq l-art kollha.

**R/. Tela' l-Mulej b'għajjat ta' ferħ, il-Mulej bid-daqq tat-trombi.**

Tela' l-Mulej b'għajjat ta' ferħ,
Il-Mulej bid-daqq tat-trombi.
Għannu lill-Mulej, għannu,
għannu lis-Sultan tagħna, għannu!

**R/. Tela' l-Mulej b'għajjat ta' ferħ, il-Mulej bid-daqq tat-trombi.**

Għax hu s-Sultan ta’ l-art kollha;
Għannu bis-sengħa lil Alla!
Isaltan Alla fuq il-ġnus kollha,
Alla qiegħed fuq it-tron imqaddes tiegħu.

**R/. Tela’ l-Mulej b’għajjat ta’ ferħ, il-Mulej bid-daqq tat-trombi.**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mill-Ittra ta’ San Pawl Appostlu lill-Efesin**
**Ef 1, 17-23**

Ħuti: Alla ta’ Sidna Ġesu Kristu, il-Missier tal-glorja, jagħtikom spirtu ta’ għerf u rivelazzjoni biex tagħarfuh, u jdawlilkom il-għajnejn ta’ qalbkom biex tagħarfu x’inhi t-tama tas-sejħa tagħkom, x’inhu l-għana tal-glorja tal-wirt tiegħu mal-qaddisin, u x’inhu l-kobor bla qjies tas-setgħa tiegħu fina li emminna, skond il-ħila tal-qawwa kbira tiegħu li wera fi Kristu, meta qajmu mill-imwiet u qiegħdu fil-lemin tiegħu fis-smewwiet, ‘il fuq minn kull Saltna u Setgħa, minn kull Qawwa u Ħakma, ‘il fuq minn kull isem li jissemma, mhux biss għaż-żmien ta’ issa, imma wkoll għalli ġej.
U hu qiegħed kollox taħt riġlejh, u għamlu Ras fuq il-Knisja kollha, li hi l-Ġisem tiegħu, il-Milja ta’ dak li jimla’ kollox f’kollox.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**HALLELUJAH**
**Hallelujah. Hallelujah.**
Morru għallmu l-Ġnus kollha, igħid il-Mulej,
jiena magħkom dejjem, sa l-aħħar taż-żmien.
**Hallelujah.**

**✠L-EVANĠELJU**
**Għeluq ta’ l-Evanġelju ta’ San Luqa.**
**Lq 24, 46-53**

F’dak iż-żmien: Ġesu’ qal lid-dixxipli tiegħu: “Hekk kien miktub, li l-Messija jbati, u jqum mill-imwiet fit-tielet jum, u li lill-ġnus kollha, ibda minn Ġerusalem, tixxandar f'ismu l-indiema għall-maħfra tad-dnubiet. Intom xhud ta’ dan. U jiena, ara, nibgħat fuqkom lil dak li wiegħed Missieri. Imma intom ibqgħu fil-belt, sa ma tkunu tlibbistu bil-qawwa mill-għoli.’’
Imbagħad ħadhom sa ħdejn Betanja, u refa’ idejh u berikhom. U ġara li, huwa u jberikhom, infired minnhom u kien imtella’ fis-sema. Huma xteħtu fl-art jagħtuh qima, u mimlijin bil-ferħ reġgħu lura lejn Ġerusalem, u qagħdu l-ħin kollu fit-tempju, ibierku lil Alla.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**It-Tifħir Lilek Kristu.**